

Brussell, 26 ta' Lulju 2019  
(OR. en)

11276/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2019/0145(NLE)**

---

**TRANS 409**  
**MAR 133**  
**EDUC 353**  
**SOC 557**  
**ETS 25**  
**MI 578**

**NOTA PUNT "I/A"**

|                |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                     |
|----------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:          | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                    |
| lil:           | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                       |
| Nru dok. Cion: | ST 10915/19 + ADD 1                                                                                                                                                                                                                                                                                                                 |
| Suġġett:       | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Ewropew għat-Tfassil ta' Standards fin-Navigazzjoni Interna u fil-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu b'rabta mal-adozzjoni ta' mudelli fil-qasam tal-kwalifiki professjonali fin-navigazzjoni interna<br>– Adozzjoni |

**I. INTRODUZZJONI**

1. Fit-3 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemija hawn fuq għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' Standards fin-Navigazzjoni Interna (CESNI) u fil-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR).
2. Is-CESNI ser jiltaqa' fil-15 ta' Ottubru 2019 fi Strasburg, Franza. Id-data tal-laqgħa tas-CCNR li tiddeċiedi dwar din il-kwistjoni għadha mhix magħrufa.

3. L-Unjoni mhix parti kontraenti tas-CESNI, imma l-Istati Membri kollha jistgħu jipparteċipaw u jivvutaw fil-laqgħat tas-CESNI. L-Unjoni lanqas mhi parti kontraenti tas-CCNR. Il-Belġju, Franza, il-Ġermanja u n-Netherlands, kif ukoll l-Iżvizzera, huma partijiet kontraenti tas-CCNR.

## **II. ĦIDMA FIL-KORP PREPARATORJU**

4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu eżamina l-proposta fil-5 ta' Lulju 2019.

## **III. KONKLUŻJONIJIET**

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden japprova l-abbozz ta' Deċiżjoni u jippreżentah għall-adozzjoni mill-Kunsill (KAĠ) fis-16 ta' Settembru 2019, kif ippreżentat fid-dokument 11037/19 + ADD 1, rivedut mill-ġuristi lingwisti.
6. Il-Kunsill huwa mistieden jadotta d-Deċiżjoni.
7. Ladarba d-Deċiżjoni tal-Kunsill tiġi adottata, il-Parlament Ewropew jiġi infurmat dwarha.
-